32005D0853



# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2005

## li tawtorizza lil Franza li topprojbixxi l-bejgħ fis-suq lill-utent aħħari, bil-għan li jinżera' jew jitħawwel f'ċerti reġjuni ta' Franza, ta' materjal riproduttiv ta' Pinus pinaster Ait. ta' oriġini mill-Peniżola Iberika, li mhuwiex adattat għall-użu f'dawn it- territorji skond id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE

*(innotifikata taħt dokument C(2005) 4534)*

**(It-test Franċiż biss hu awtentiku)**

(2005/853/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru ta' l-1999 dwar il-*marketing* ta' materjali riproduttivi tal-foresti [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 17(2) tagħha,

Billi:

(1) Franza talbet li tiġi awtorizzata li tipprojbixxi l-bejgħ ta' materjal riproduttiv ta' *Pinus pinaster* Ait. ta' oriġini mill-Peniżola Iberika (Spanja u l-Portugal) lill-utent aħħari bil-ħsieb li jinżera' jew jitħawwel f'kull reġjun amministrattiv ta' Franza ħlief Provence-Alpes-Côte-d'Azur, Languedoc-Roussillon u l-Korsika.

(2) Franza appoġġat it-talba u pprovdiet l-informazzjoni kollha elenkata taħt l-Artikolu 17(2) punti (a) u (b) tad-Direttiva li tissemma hawn fuq kif speċifikat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1602/2002 ta' l-10 ta' Settembru 2002 li jistipola regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' Stat Membru biex jipprojbixxi l-bejgħ lill-utent aħħari ta' materjal riproduttiv tal-foresti speċifiku [2].

(3) Franza pprovdiet evidenza mill-koltivazzjoni kummerċjali tal-foresti li siġar tal-*Pinus pinaster* Ait. minn żrieragħ li joriġinaw mill-Peniżola Iberika u li ġew kkoltivati f' reġjuni Franċiżi, bl-eċċezzjoni tar-reġjuni li jissemmew hawn fuq, ma kinux adattati għat-temperaturi baxxi li jesperjenzaw dawn ir-reġjuni. L-evidenza kienet l-effetti katastrofiċi tal-ġlata qalila fuq is-sopravivenza ta' siġar ta' din l-oriġini, b' mod partikolari fis-snin 1956, 1963 u 1985. Sar tqabbil bir-reqqa tal-kundizzjonijiet klimatiċi ta' kull reġjun individwali ta' provenjenza fil-Peniżola Iberika ma' dawk fir-reġjuni Franċiżi minbarra Provence Alpes-Côte-d'Azur, Languedoc-Roussillon u l-Korsika. Ir-reġjuni ta' provenjenza kienu kif definiti skond l-Artikolu 2(g) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, imfassla, ippubblikata u mibgħuta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri oħrajn skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.

(4) Franza għandha tiġi awtorizzata li tipprojbixxi l-bejgħ lill-utent aħħari ta' dak il-materjal riproduttiv tal-foresta.

(5) Il-miżuri stipolati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal għall-Propagazzjoni fl-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Koltivazzjoni tal-Foresti,

[1] ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 18.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Franza hija awtorizzata li tipprojbixxi l-bejgħ lill-utent aħħari ta' materjal riproduttiv ta' *Pinus pinaster* Ait. ta' oriġini mir-reġjuni elenkati fl-Anness bil-għan li jinżera' jew jitħawwel f' kull reġjun amministrattiv ta' Franza ħlief Provence-Alpes-Côte-d'Azur, Languedoc-Roussillon u l-Korsika.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell, nhar it-30 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Reġjuni ta' Provenjenza fil-Peniżola Iberika għall-*Pinus pinaster* Ait.**

a) Spanja

| Referenza għar-reġjun ta' provenjenza fil-lista uffiċjali Spanjola ta' materjal bażiku approvat ippubblikata minn Spanja skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE | Isem ir-reġjun ta' provenjenza |
|---|---|
| 1a | Noroeste-litoral |
| 1b | Noroeste-interior |
| 5 | Bajo Tietar |
| 15 | Sierra de Espadan |
| 16 | Levante |
| 18 | Moratalla |
| 19 | Sierra Almijara-Nevada |
| 20 | Sierra Berneja |
| A | Benicasim |
| C | Litoral Catalan |
| D | La Safor |
| E | Fuencaliente |
| F | Sierra de Oria |
| G | Serrania de Ronda |

b) Il-Portugall:

— it-territorju kollu